

31993L0081

23.10.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 264/49

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 93/81/KEE**tad-29 ta' Settembru 1993****li tadatta d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

va 88/77/KEE, x'aktarx li jkun hemm ċertu numru ta' vetturi li nġhatilhom l-approvazzjoni tat-tip skond il-verżjoni preċedenti tad-Direttiva li ma jkunux ser ikunu mibjugħa qabel l-1 ta' Ottubru 1993;

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/53/KEE ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 13(2) tagħha,

Billi, fl-assenza ta' direttiva biex temenda l-Anness XII B, il-fabbrikanti ta' dawn il-vetturi, jew jitħallew b'ħażniet li ma jistgħux jinbiegħu ta' dawn il-vetturi, jew ikunu meħtieġa jiehmu miżuri li mhumix ekonomiċi biex jissodisfaw il-ħtieġiet tad-Direttiva;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 li tirrigwardja l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu ta' gass mill-magni diesel għall-użu fil-vetturi ⁽³⁾, kif emendata bid-Direttiva 91/542/KEE ⁽⁴⁾, naqqset il-livelli ta' sustanzi li jniġġsu ta' gass mill-magni diesel għal vetturi ġodda mibjugħa, rreġistrati jew imdaħħla fis-servizz b'effett mill-1 ta' Ottubru 1993;

Billi riżultat bħal dan joħloq piż ekonomiku addizzjonali fuq il-produtturi u jhedded il-kapaċità tagħhom li jinvestu fi prodotti futuri teknikament avvanzati fi żmien meta s-suq Komunitarju għal dawn il-vetturi hu diġà f'waqa' serja;

Billi l-Artikolu 8(2)(b) tad-Direttiva 70/156/KEE jipprovdi għall-possibiltà li l-Istati Membri jagħtu għal perijodu limitat, u għal kwantitajiet żgħar, deroga għal vetturi "ta' l-aħħar tas-serje";

Billi problema simili x'aktarx li titfaċċa fil-futur fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief bil-magni diesel minħabba l-evoluzzjoni mhux favorevoli ta' dan is-suq;

Billi din id-deroga hi limitata bis-saħħa ta' l-Anness XII B tad-Direttiva 70/156/KEE għall-vetturi tal-kategorija M1;

Billi hu previst li s-suq totali għal vetturi kummerċjali tqal fil-Komunità għall-1993 ser ikun 13 % anqas min-numru li kien mibjugħ fl-1992; billi dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 25 % fin-numru ta' bejgħ tul perijodu ta' erba' snin;

Billi huwa meħtieġ, sabiex ikunu rimedjati l-effetti kummerċjali mhux ekonomiċi msemmija hawn fuq, li tiġi emendata d-Direttiva 70/156/KEE billi tiġi estiża d-deroga ta' "l-aħħar tas-serje" sabiex tapplika għall-kategoriji kollha tal-vetturi u mhux biss għall-vetturi tal-kategorija M1;

Billi l-esperjenza wriet li, bħala konsegwenza tal-waqa' serja fis-suq Komunitarju għall-vetturi b'magni diesel koperti bd-Diretti-

Billi n-numru massimu ta' vetturi li jista' jibbenefika mill-limiti ta' "l-aħħar tas-serje" ma jstax jeċċedi l-10 % tal-vetturi tat-tipi kkonċernati mdaħħla fis-servizz f'dak l-Istat Membru tul is-sena preċedenti; billi l-impatt globali ta' din l-emenda fuq l-ambjent ikun ħafif u temporanju;

⁽¹⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 225, 10.8.1992, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 36, 9.2.1988, p. 33.

⁽⁴⁾ ĠU L 295, 25.10.1991, p. 1.

Billi l-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/156/KEE dwar il-limiti ta' "l-aħħar tas-serje" għandha tkun aktar ikkjarifikata sabiex tinstab soluzzjoni definittiva adattata għall-bżonnijiet tal-kategoriji tal-vetturi kollha inklużi l-vetturi kostruwiti faktar minn fażi waħda; billi l-Kummissjoni ser teżamina din il-problema sal-31 Marzu 1994 u tagħmel proposti xierqa lill-Istati Membri sa dik id-data;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku stabilit bid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Is-Sezzjoni B ta' l-Anness XII tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tiġi emendata billi jitħassar il-kliem: "Fil-każ tal-kategorija M1,".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konfor-

mi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Ottubru 1993. Għandhom jinformat lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikollhom magħhom din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Settembru 1993.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Vċi-President